MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 679/2006

**Dr Peter Fenech 67468M bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera The Timberland Company**

**vs**

**Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati b'digriet tal-Qorti tal-21 ta' Awissu, 2006 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta' esportatrici Tianjin Ameda International Trade Co. Ltd u lill-kunsinjatarju ABDAM IMPORT-ET-D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur nomine fit-24 ta' Lulju, 2006, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala trademarks ma l-Ufficcju tal-Proprjeta' Industrijali ta' Malta msejjha 'TIMBERLAND' u 'Tree Logo', liema drittijiet gew registrati l-ewwel darba fit-12 ta' Mejju 1997 u moghtija n-numru ta' registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok TC 1 u TC 2);

Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru CLHU 8725660 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM CHOPIN liema container kien fih total ta' mija u ghaxra (110) il-par zarbun (Dok TC 3) kollha bil-marka 'TIMBERLAND', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta' intelletwali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li zraben hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-kelma TIMBERLAND u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' The Timberland Company, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta intellewatli ta' The Timberland Company (Dok TC 4);

Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok TC 5) sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa Abdam Import-Et-D minn Casablanca fil-Maroc, dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru GZ2138566 (Dok TC 6);

Illi l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ta' l-artiklu 10(2)(b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416) u

huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 14 -19 talistess Kap 416 u l-artikli 7 u 8 ta' l-istess Kap 414;

Illi s-socjeta rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Talab lill-konvenuti kurataturi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'zraben li fuqhom hemm is-sinjal TIMBERLAND, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru CLHU 8725660 kontenenti l-imsemmija zraben, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-trademarks taghha 'TIMBERLAND' u 'Tree Logo' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok TC 1 u TC 2);
2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali zraben 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk iz-zraben, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;
3. Tiehu u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk iz-zraben kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-intimat mill-beneficcji ekonomici ta' transazzjoni;
4. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija zraben ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport ghall-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta' l-istess zraben;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Awissu 2006, li "in forza" tieghu inhatru l-Avukat Dr Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kumpannija konvenuta ghall-finijiet kollha tal-Ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kuraturi li *in forza* taghha eccepew :

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza izda qed jaghmlu hilithom biex jaqbdu ma l-intimati li ghalihom inhatru biex jidhru biex ikunu jistghu jikkontestaw il-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta illi Dr Peter Fenech huwa l-mandatarju specjali f'Malta tas-socjeta' estera The Timberland Company ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki ta' din is-socjeta' f'Malta. Gara illi idahhlet konsenja f'Malta ta' zraben bil-marki ta' The Timberland Company; liema marki mhumiex mudelli tas-socjeta' The Timberland Company u dawn l-items ingabu f'Malta f'container CLHU 8725660 fuq il-vapur CMA CGM CHOPIN.

Illi l-attur nomine bhala rapprezentant ta' The Timberland Company f'Malta fit-28 ta' Gunju, 2006, gie infurmat b'din il-wasla f'Malta ta' din il-konsinna mill-Ufficjali tad-Dwana, li zammew taht il-kustodja taghhom mija u ghaxra (110) par zarbun, kollha bil-marka 'TIMBERLAND'.

Illi fuq talba ta' l-attur nomine id-Dwana ghaddew par zarbun bhala kampjun ta' dawk maqbuda lill-attur nomine li baghat ritratti digitali tal-kampjun lill-klijenti tieghu fl-Inghilterra sabiex isiru l-ezamijiet necessarji dwar l-awtenticita o meno taz-zraben.

Illi kemm verbalment u kif ukoll permezz ta’ rapport datat 13 ta’ Lujlu, 2006 mahrug mis-socjeta’ estera attrici gie konfermat li fil-fatt iz-zraben kollha huma foloz u li ghalhekk it-trademark ‘Timberland’ u 'Tree Logo' gew abbuzivament uzati mill-konvenuti u terzi persuni mhux maghrufa u ghalhekk id-drittjiet intellettwali tas-socjeta’ estera attrici gew vjolati u l-attur nomine ma kellu l-ebda triq ohra hlief li jiftah din il-kawza.

Illi l-konvenuti nomine ipprezentaw Nota fis-6 ta’ Marzu 2007 li permezz taghha infurmaw lill-Qorti illi minn mindu gie mghoddi lilhom it-taghrif mehtieg huma ippruvaw jikkuntattjaw lis-socjeta’ konvenuta Tianjin Ameda International Trade Co. Ltd u lill-kunsinjatarju ABDAM IMPORT-ET-D izda ma irnexxielhomx jaghmlu kuntratt mal-konvenuti u f’dawn ic-cirkostanzi ma ghandhomx provi x’iressqu u l-kawza tista tithalla ghas-sentenza.

Illi wara li l-Qorti qieset il-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :

a. il-kumpannija attrici hija detentrici ta’ dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f’Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

d. jidher li l-kumpannija estera attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f’Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja ta’ oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f’Malta ta’ hwejjeg falsifikati

li jiksru l-jeddijiet ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita’ tal-imsemmija zraben tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b’hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib illi l-attur nomine wera tajjeb bizzejjed illi s-socjeta’ estera attrici kellha ragun temmen illi z-zraben illi ddahhlu f’Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f’pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet kollha attrici, b’dan illi fir-rigward tat-tieni talba attrici tipprefiggi terminu ta’ hmistax-il gurnata tax-xoghol mill-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi z-zraben in kwistjoni.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti, b’dan li provizzorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------